15 ta' Frar, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Eleonora Galea et. *versus* Michele Casaletto

## Spejjeż Ġudizzjarji — Appell — Liberazzjoni "ab observantia"

*Meta l-appell hu ċirkoskritt għall-kap tal-ispejjeż, il-lum mhux aktar dubitat jekk l-appell huwiex ammissibbli meta ma hemmx appell mill-meritu. Il-lum hu ritenut mill-ġurisprudenza li l-appell mill-kap tal-ispejjeż biss huwa ammissibbli.*

*Hu prinċipju paċifikament akkolt li s-sokkombent ma jistgħax jiġi meħlux mill-ħlas tal-ispejjeż, jekk ma jkunx hemm xi raġuni in kuntrarju.*

*Jekk il-konvenut ikun ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għax il-ġudizzju ma kienx integru, u għalhekk ma kienx ritwalment propost, billi ma ġewx imħarrkin l-interessati kollha, imma l-Qorti, fil-waqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar l-irritwalità tal-ġudizzju, tikkolla l-ispejjeż kollha kontra tiegħu fuq il-motiv li dik l-eċċezzjoni huwa ma qanqalhiex fil-bidu tal-kawża, imma ħalla l-proċediment jimxi l-quddiem, u qanqalha fl-aħħar, hemm lok għall-temperament fil-kap tal-ispejjeżż jekk jirriżulta li l-konvenut ma kienx jaf sewwa kif kienu l-affarijiet, b'mod li ma setgħax jirriżika dik l-eċċezzjoni mill-bidu.*

*Għall-bqija, tirriprendi l-vigur tagħha r-regola li s-sokkombent iħallas l-ispejjeż.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-atturi, wara li ppremettew li l-konvenut ġie nkarikat jirrikostruwilhom

il-fond urban fl-Isla, Saint Peter and Saint Paul Street, numri 58 u 59, li kien ġie distrutt bil-ħidma tal-għadu, bis-somma li toħroġ il-War Damage Commission, somma li l-konvenut diġà rċieva; li huma nkarikaw ukoll lill-istess konvenut jagħmel xi xogħolijiet oħra "extra" fl-istess post, għal liema xogħol kellhom iħallsu l-istess atturi "de proprio"; li għal dawn ix-xogħolijiet "extra" huma ħallsu akkont lill-istess konvenut £250, għaliex l-istess konvenut qalilhom li dawk ix-xogħolijiet kienu jiswew wisq aktar; li rriżulta li dawk ix-xogħolijiet swew biss £51.15.0, u b'hekk il-konvenut għandu jirrifondilhom is-somma ta' £198.5.0; talbu illi l-istess konvenut jiġi kundannat jirrifondi u jħallas lilhom l-imsemmija somma ta' £198.5.0 jew kull somma oħra verjuri li tiġi stabbilita, okkorrendo b'opra ta' periti; bl-interessi kummerċjali mit-22 ta' Mejju 1953, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Frar 1953;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri, fejn il-konvenut issottometta illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi hija komproprjetarja tal-fond inkwistjoni, u illi s-somma ndikata flatt taċ-ċitazzjoni ġiet erogata mill-proventi tal-kirjiet spettanti lill-komproprjetarji kollha; u kwindi l-attriċi ma setgħetx tistitwixxi l-ġudizzju f'isimha biss;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Novembru 1956, li biha laqgħet l-eċċezzjoni, u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; però ordnat illi l-ispejjeż kollha li saru mill-kontendenti wara l-preżentazzjoni tan-nota tal-eċċezzjonijiet, barra dawk relattivi għas-sentenza, jitħallsu mill-istess konvenut; billi kkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi hija komproprjetarja tal-fond, billi dan jappartjeni indiviżament lilha u lil żewġ ħutha......;

Illi għaldaqstant jirriżulta li mhumiex fil-kawża tnejn mill-leġittimi kontradittùri; u huwa magħruf li, biex il-ġudizzju jkun integru, hija neċessarja l-preżenza tal-interessati kollha; u għalhekk f'dan il-każ l-integrità hija nieqsa;

Illi ladarba l-ġudizzju mhux integru, il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza;

Illi l-konvenut, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, ammetta li ilu jaf il-familja Cassar — proprjetarji tal-fond — minn tfulitu, u li għall-ewwel quddiem il-War Damage Commission kienet tidher Stella Cassar, riferibbilment għall-istess fond, u mbagħad, kif huwa spjega ruħu, "l-awtorizzazzjoni daret fuq Mrs. Eleonora"...... jirriżulta li l-konvenut kien jaf li l-fond mhux tal-attriċi biss, u jista' jingħad ukoll li jirriżulta li kien jaf ukoll min kienu l-komproprjetarji;

Illi għalhekk il-konvenut seta' ssolleva l-eċċezzjoni mill-bidu, u ma ħalliex il-proċediment jimxi l-quddiem, u tiġi ordnata perizja, bi preġudizzju inġustifikat għall-atturi, billi, kieku ssolleva l-eċċezzjoni allura, kien jiffrankalhom l-ispejjeż kollha li saru wara l-preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijiet in konnessjoni mal-perizja li ġiet ordnata; u hija kwindi ħaġa xierqa illi dawn l-ispejjeż ibatihom huwa;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, fis-sens biss, però, li jiġi revokat il-kap tal-ispejjeż, li għandhom jiġu sopportati interament mill-attriċi; bl-ispejjeż tat-tieni istanza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell hu ċirkoskritt għall-kap tal-ispejjeż. Peress li s-sentenza fuq il-meritu tal-kawża għaddiet ġudikat bl-akkwijexxenza taż-żewġ partijiet, jista' jiġi dubitat jekk huwiex aktar appellabbli l-kap tal-ispejjeż. Skond il-ġurisprudenza antika, appell simili kien ikun inammissibbli. Ġie infatti ritenut minn din il-Qorti, in re "Testaferrata Abela vs. Testaferrata", 16 ta' Mejju, 1864, Vol. III, p. 109, li "non è ammissibile l'appello dal capo delle spese quando la sentenza sul merito è passata in cosa giudicata" (ara fl-istess sens Appell "Vella vs. Camilleri", 29 ta' Novembru 1865, ibidem, paġ. 451-454);

Però l-kwistjoni ġiet definittivament riżoluta f'sens oppost, wara li ġiet eżaminata l-ġurisprudenza in materja, fis-sentenza ta' din il-Qorti "Diacono vs. Galea", 12 ta' Mejju 1924, Vol. XXV-I-793, li fiha ġie osservat li l-ġurisprudenza antika kienet ġiet in segwitu modifikata;

Ikkunsidrat;

Hu prinċipju paċifikament akkolt li s-sokkombent ma jistgħax jiġi meħlus mill-ħlas tal-ispejjeż jekk ma jkunx hemm xi raġuni in kuntrarju (ara d-diversi sentenzi li applikaw dan il-prinċipju, ċitati fil-Kommenti tal-Imħallef Dr. G. Cremona, Proċ. Ċiv., paġ. 418, art. 249 antik);

L-Ewwel Qorti rriteniet li, għalkemm l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-ġudizzju sollevata mill-konvenut kienet ġiet akkolta, eppure kien hemm lok għar-regolament minnha magħmul dwar l-inċidenza tal-ispejjeż, peress li l-konvenut kien jaf li l-fond "de quo" ma kienx tal-attriċi biss, u kwindi kien imissu ssolleva l-eċċezzjoni tiegħu mill-bidu;

Issa, ma jidherx li qabel ix-xhieda ta' Michele Cassar fis-seduta tat-18 ta' April 1955 (fol. 18) il-konvenut kien jaf, b'mod li jista' jirriżika eċċezzjoni, li l-fond kien, minbarra tal-attriċi, anki ta' dan Michele u ta' ħuhom Louis Cassar...... Anzi, relattivament għall-kontestazzjoni tiegħu f'din il-kawża, kien hemm xi ċirkustanzi li setgħu żvijawħ ......;

Lanqas jidher ekwu li l-attriċi u żewġha għandhom jibbenefikaw miċ-ċirkustanza li għaliha kkontribwew huma wkoll bil-mod kif għamlu ċ-ċitazzjoni u bil-mod kif avanzaw il-pretensjoni tagħhom, daqs kieku kienet ħaġa ta' pertinenza tagħhom biss; u lanqas jidher ġust li l-atturi issa jridu jinkolpaw lill-konvenut talli ma għamelx qabel dak li huma stess ħbew mill-bidu;

Ikkunsidrat;

Wara x-xhieda ta' Michele Cassar, ċjoè wara t-18 ta' April 1955, però, il-konvenut seta' b'sikurezza ssolleva l-eċċezzjoni, li hu inveċe ssolleva bin-nota tas-17 ta' Ottubru 1955, fol. 34, u b'hekk saru għal xejn is-seduta tal-5 ta' Mejju 1955, l-aċċess tat-8 ta' Ġunju 1955, u s-seduta tal-10 ta' Ottubru 1955, kif ukoll l-inġunżjoni tal-5 ta' Ottubru 1955, fol. 32. L-ispejjeż tal-attijiet l-oħra, minn fol. 34 il-quddiem sas-sentenza, kienu in konnessjoni mal-eċċezzjoni tal-irritwalità, u għalhekk kienu jsiru l-istess anki kieku l-konvenut issolleva dik l-eċċezzjoni mill-bidu; u r-rikors tal-intervenuti sar fil-mori ta' dawn l-attijiet l-oħra;

Għalhekk, proprjament, jista' jingħad b'sikurezza, biss li saru għal ta' xejn dawk il-proċeduri li ssemmew fuq;

Għall-bqija għandha tirriprendi l-vigur tagħha r-regola li s-sokkombent iħallas l-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma l-kap tal-ispejjeż tal-prima istanza, billi l-ispejjeż kollha ta' dik l-istanza jitħallsu mill-atturi, meno l-ispejjeż tas-seduta tal-5 ta' Mejju 1955, tal-aċċess tat-8 ta' Ġunju 1955, tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 1955, u tal-inġunzjoni tal-5 ta' Ottubru 1955, li għandu jbatihom il-konvenut;

L-ispejjeż ta' dina l-istanza jitħallsu mill-atturi; iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas bin-nofs.